# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001

**Numru 74**

**Citaz. numru: 1304/97 NA**

**Farr Limited**

**vs**

**Norman Cutajar u b'digriet tas-26 ta' Gunju 1998 gie kjamat fil-kawza Joseph Aquilina ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof u amministratur tal-beni ta' l-entitajiet ekklesjastici diocesani**

**Socjeta' in likwidazzjoni - Poteri tal-likwidatur - Actio Spolii - Elementi - Talba Rikonvenzjonali - Jattanza.**

**L-akkwist ta' porzjoni art minn socjeta' fi stat ta' likwidazzjoni hija *ultra vires* il-poteri tal-likwidatur pero' *intra vires* il-poteri tas-socjeta' u ghalhekk dan il-fatt ma setax jigi eccepiet f'azzjoni ta' din in-natura.**

**L-elementi ta' l-*actio spolii* huma l-pussess fattwali jew id-detenzjoni ta' l-oggett u l-vjolazzjoni ta' dan il-pussess b'mod vjolenti u klandestin b'dan illi wkoll l-azzjoni trid tigi proposta fit-terminu perentorju prefiss mil-ligi.**

**Stabbilit dawn il-fatti pero' l-Qorti kellha tieqaf hemm minghajr indagini ulterjuri.**

**Anke fl-*actio spolii* l-konvenut ghandu d-dritt fit-talba rikonvenzjonali jipproponi talba ghal-Jattanza biex jistipula azzjoni fil-petitorja fejn fic-citazzjoni ta' l-*actio spolii* jew fid-dikjarazzjoni guramentata jkun gie allegat dritt ta' proprieta' mill-atturi.**

**Il-Qorti,**

Din hija wahda minn diversi kawzi li qieghdha tipproponi s-socjeta' attrici li qed tallega li giet spoljata minn strippa ta' art li kellha l-pussess taghha f'"Tal-Harruba", fis-swieqi, liema att spoljattiv sar minn diversi nies li kienu l-proprietarji tal-plots minn 2 san-numru 9 f'bicca art adjacenti ghall-art in kwistjoni. L-ispoll sar billi l-hajt li kien jiddividi dawn l-artijiet twaqqa' u inbena hajt iehor gdid. Il-konvenut f'din il-kawza Norman Cutajar huwa wiehed minn persuni li allegatament ikkommettew l-ispoll u huwa l-proprietarju tal-plot numru 6 fl-art antigwa. Minkejja illi din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi u tal-punti ta' dritt li gew imressqa/sollevati f'din il-kawza u li ghalihom sejra ssir id-debita riferenza u dana ghaliex kull kawza ghandha l-fattispecie partikolari taghha, diversi mill-punti ta' fatt u ta' dritt li tqajjmu f'din il-kawza huma simili jekk mhux identici ghal dawk decizi minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-1 ta' Frar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Farr Limited vs

Ian Fenech", ghall-atti ta' liema kawza ssir piena riferenza u dan apparti minn riferenz specifici f'din is-sentenza fejn ikun il-kaz.

Ic-citazzjoni odjerna gietipprezentata fid-9 ta' Gunju 1997 fejn gie premess:

"Illi s-socjeta' Farr Limited hi s-sid tal-porzjoni numru wiehed (1) mill-artijiet maghrufa bhala "Tal-Harruba", is-Swieqi, fil-limiti ta' San Giljan u dan skond kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felici tat-28 ta' Mejju tas-sena 1993, hawn annessa u mmarkata Dokument "BF1";

Ukoll illi l-konvenut Norman Cutajar jippossjedi l-plot numru sitta ta' l-istess artijiet maghrufa bhala "Tal-Harruba", is-Swieqi, fil-limiti ta' San Giljan, liema porzjonijiet imissu ma' l-art tas-socjeta' attrici, u dan kif jidher tajjeb mill-pjanta hawn annessa w immarkata Dokument "BF2";

Illi fil-hmistax (15) ta' Mejju tal-1997 il-hajt divizorju bejn l-art tal-konvenuti u l-art tas-socjeta' attrici kienet ghadha fi stat tajjeb, skond il-pjanta;

Illi fil-hamsa ta' Gunju l-Perit Alfred Grech A.C.E. informa lis-socjeta' attrici illi 'l fuq imsemmi hajt divizorju kien iccaqlaq u kienu saru xi aperturi fih;

Illi l-konvenut dahal fl-art tas-socjeta' attrici, u effettivament annetta bicca minnha ma' l-art possjeduta minnhom u dan kif jidher tajjeb mill-pjanta hawn annessa w immarkata Dokument "BF2";

Illi dan l-agir sar kollu minghajr il-kunsens u kontra r-rieda tas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut issa qieghed iwettaq xi xogholijiet fuq l-art tas-socjeta' attrici;

Illi ghalhekk il-konvenut ikkommetta spoll klandestin u vjolenti a dannu ta' l-istess socjeta' attrici;

Illi ghaldaqstant is-sojeta' attrici qed issofri danni ngenti minhabba dan l-ispoll klandestin u llegittimu;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut Norman Cutajar ikkommetta spoll klandestin u vjolenti a dannu tas-socjeta' attrici meta annetta ma' l-art possjeduta minnhom porzjoni ta' l-art proprjeta' tas-socjeta' attrici kif fuq deskritt;

2. tordna li s-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess tal-fuq imsemmi fond u b'hekk tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex is-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess f'terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa;

3. in difett tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet huma a spejjez ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni."

In-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut saret fit-3 ta' Lulju 1997 fejn gie eccepiet illi:

1. "1. Illi huwa ma kkommetta ebda spoll klandestin u vjolenti ghad-danni tas-socjeta' attrici u f'kull kaz l-

esponenti jiddikjara li ma ghamel ebda xogholijiet fl-art posseduta minn jew li hija l-proprjeta' tas-socjeta' attrici;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Din l-eccezzjoni giet amplifikata fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut fejn pero' dan il-konvenut iddikjara wkoll:

"Illi inoltre jigi rilevat illi fil-mument li sar kuntratt ta' akkwist mis-socjeta' attrici, din kienet fi stat ta' likwidazzjoni u kien hemm gja avviz ta' xoljiment u ghalhekk huwa dubjuz setghetx li dina s-socjeta' takkwista l-proprjeta' u wisq iktar tippossjediha."

Il-konvenut ukoll ipprevalixxa ruhu mill-eccezzjonijeit tieghu u ghamel kontro-talba fejn ippremetta:

“Illi l-attur qieghed jiddikjara li huwa s-sid tal-porzjoni Nru 1 mill-artijiet maghrufa bhala “Tal-Harruba”. Swieqi fil-limiti ta’ San Giljan u dan skond kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Felice tat-28 ta’ Mejju 1993 esebita bhala Dokument “BF1”;

Illi l-esponenti huwa s-sid ta' plot Nru 6 ta' l-istess artijiet fil-limiti ta' San Giljan, liema proprjeta' giet minnu akkwistata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-22 ta' Frar 1989, skond id-dokumenti "A", "B" u "C" hawn annessi;

Illi fuq il-parti ta' wara tal-proprjeta' ta' l-esponenti, hemm "*overlapping*" fis-sens illi din il-proprjeta' ghalkemm akkwistata mill-esponenti hija ndikata wkoll fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-istess attur, u ghalhekk, din il-bicca proprjeta' ma setghet qatt tigi trasferita lill-istess attur billi dina kienet gja tapperjenti lill-esponenti;

Illi l-esponenti jrid jigi liberat minn talli jattanza;

TALAB li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikoli 403 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Cvili:-

1. tipprefiggi lill-attur zmien qasir u perentorju sabiex fih l-istess attur sabiex jipprocedi a bazi tal-pretensjoni tieghu ta' proprietarju ta' l-art fuq imsemmija u fin-nuqqas li huwa jonqos milli jistitwixxi proceduri ad hoc fi zmien lilu prefiss, li l-istess attur jigi prekluz milli qatt jipprocedi fuq tali pretensjoni.

Ghal din il-kontro-talba saru l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici fit-28 ta' Lulju 1997 fejn eccepew:

1. “Illi s-socjeta' Farr Limited gia bdiet proceduri sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghha u ghaldaqstant it-talba attrici hi vessatorja;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, hu l-konvenut Norman Cutajar li qed jaghmel jattanza a dannu tas-socjeta' attrici;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-dritt pretiz mill-konvenut Norman Cutajar hu incert u ghaldaqstant l-istess Norman Cutajar ma jistax jistitwixxi azzjoni ta' jattanza;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Norman Cutajar ma setghax javvanza din il-kontro-talba ghat-talbiet dedotti fic-citazzjoni tas-socjeta' attrici u dan ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili."

Huwa utili f'dan l-istadju li jinghad minn issa f'din is-sentenza li wara li diversi mill-provi kienu diga' tressqu s-socjeta' attrici

b'rikors tas-7 ta' Mejju 1998 talbet il-kjamat-fil-kawza ta' Joseph Aquilina ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof u amministratur tal-beni ta' l-entitajiet ekklesjastici diocesani kollha f'Malta u fl-interess tal-legat ta' zwieg Aloisia Borg in Bezzina. B'nota tal-1 ta' Gunju 1998 il-konvenut irremetta ruhu ghal din it-talba li giet milqugha mill-Qorti stante n-nuqqas ta' opposizzjoni fis-seduta tas-26 ta' Gunju 1998 minkejja illi talbiet simili gew minnha michuda f'uhud mill-kawzi konnessi peress illi fil-fehma taghha huwa ferm dibattibbli ghandhomx jigu kjamati fil-kawza s-sidien rispettivi f'kawza possessorja.

Il-kjamat fil-kawza ghamlu l-eccezzjonijiet taghhom fl-10 ta' Novembru 1998 fejn eccepew:-

1. "Preliminarjament li d-ditta attrici, darba li giet "*dissolved*", m'ghandhiex "*locus standi*" f'dan il-gudizzju. L-emendi recenti fil-Kodici ta' Procedura li jawtorizzaw korpi b'personalita' gjuridika biex jipprocedu huma stess f'kawzi minflok permezz tar-rapprezentant legali taghhom (Art. 181A Kodici ta' Procedura) jippresumu li dawn il-korpi "jkunu jezistu" fil-mument li jintavolaw jew jikkontestaw kawza. Tajjeb li wiehed jirrileva li l-persuna

li ppromoviet l-istanza m'huwiex 'il hekk imsejjah stralcjarju izda d-ditta sfaxxata;

2. Preliminarjament ukoll, f'kawza ta' spoll, il-kjamat in kawza ta' l-awtur tal-konvenut hi guridikament bla sens billi spoll hu fih innifsu "*una molestia di fatto*" (mhux "*di diritto*") (ara sentenza Vol. 33 I p.361, Vol. 38 I p.115 u Vol. 45 I p.159) li ghaliha jrid jirrisponi l-awtur ta' l-istess molestja - salvo talvolta, fic-cirkostanzi kongruwi, ir-rigress tieghu kontra min seta' inducih f'dik il-molestja;

3. Fil-meritu u bla pregudizzju tal-premess, fic-cirkostanzi elenkati fic-citazzjoni, ebda responsabbilita' ma tista' tigi akkollata lil Legat taz-Zwieg Aloisia Borg in Bezzina billi, in segwitu ghal kuntratt tat-28 ta' Mejju 1993 il-Perit tal-Kurja Joseph Saliba mar fuq il-post ma' l-akkwirenti tal-plots u tahom il-punti fejn kellhom jibnu nonostante dak li seta' ma deherx car mill-kuntratt. Ghalhekk "imputat" lill-akkwirenti jekk dawn ma qaghdux ghal dawn il-punti u bnew (jekk bnew) fejn riedu."

Wara li ngabru l-provi kollha li gew permessi mill-Qorti l-kawza giet finalment ittrattata fl-10 ta' Dicembru 1999 u differieta ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ezaminat il-provi mressqa w is-sottomissjonijiet maghmulha f'din il-kawza nkluzi dawk il-provi tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3602/97 fl-istess ismijiet li gew allegati ma' dan il-process kif ukoll xi xhieda li giet moghtija f'kawza ohra konnessa "Farr Limited vs Edward Cassar" (Citazz. Nru: 1303/97) li giet esebita mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Frar 1998 u li ghall-produzzjoni taghha l-konvenut ma opponix (ara verbal tas-26 ta' Mejju 1998).

Ikkunsidrat:

Illi l-punti principali li jridu jigu decizi f'din il-kawza huma:

1. l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat-fil-kawza li tixbah, pero' mhux identika, ma' dak sollevat mill-konvenut fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u mid-difensur tieghu fit-trattazzjoni finali;

2. il-kontro-talba tal-konvenut u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess;

3. il-punt principali jekk f'din il-kawza jissussistux l-ispoll kif allegat mis-socjeta' attrici fl-elementi kollha tieghu; u

4. finalment l-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamat-fil-kawza.

Il-Qorti sejra tikkonsidra dawn il-materji kif enumerati hlief li sejra thalli l-punt numru 2 ghall-ahhar u dan peress illi hija biss din il-materja li tista' ma tigix finalment deciza b'din is-sentenza.

**1.** L-eccezzjoni tal-kjamat-fil-kawza hija fis-sens li s-socjeta' attrici li kienet fi stat ta' likwidazzjoni, anzi li giet "*dissolved*" ma setghetx tippromwovi din l-azzjoni filwaqt illi l-konvenut jattakka l-akkwist ta' l-art in kwistjoni minn din is-socjeta' meta kienet fi stat ta' xoljiment peress illi skond hu setghet taghmel biss atti ta' preservazzjoni w amministrazzjoni ordinarja li l-akkwist ta' proprieta' immobiljari zgur li mhumiex. Mhuwiex ikkontestat illi s-socjeta' attrici b'effett mill-31 ta' Dicembru 1998 giet xjolta w inhatar likwidatur. L-art in kwistjoni nxtrat finalment fl-1993 u din il-kawza giet proposta fl-1997. Fil-kawza fl-ismijiet "Farr Limited

vs Ian Fenech" li ghaliha gia' saret riferenza din il-Qorti kienet iddecidiet:

> "*L-akkwist ta' porzjoni art minn socjeta' fi stat ta' likwidazzjoni hija ultra vires il-poteri tal-likwidatur pero' intra vires il-poteri tas-socjeta' u ghalhekk dan il-fatt ma setax jigi eccepiet f'azzjoni ta' din in-natura.*"

Fuq dan il-punt din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid. Dan pero' ma kienx ifisser illi matul il-likwidazzjoni s-socjeta' ma kenitx ghadha persuna legali distinta b'certi drittijiet li zgur li fosthom hemm id-dritt li tippreserva l-assi taghha u li taghmel atti ta' amministrazzjoni ordinarja u dan sakemm il-process ta' likwidazzjoni jkun ghadu ghaddej. Li dan kien l-istat fattwali u legali ta' din is-socjeta' fid-data meta giet ipprezentata din ic-citazzjoni tohrog mix-xhieda ta' Joe Farrugia rapprezentant tal-Malta Financial Services Centre moghtija fis-6 ta' Novembru 1998. Mistoqsi mill-Avukat tal-konvenut: "*U l-inkarigu tieghu gie ezegwit jew ghadu in state of liquidation?*" Iwiegeb: "*Ghadha in state of liquidation jigifieri and dissolution.*" Huwa ovvju li f'dan l-istat is-socjeta' attrici ghadha bi dritt u f'posizzjoni li tippromwovi azzjoni bhall-wahda odjerna u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat-fil-kawza hija michuda bl-ispejjez.

**3.** Mhuwiex ikkontestat mill-konvenut illi jezistu l-elementi kollha ghall-proponiment ta' l-*actio spolii* f'din il-kawza hlief li jikkontesta l-pussess f'idejn is-socjeta' attrici. Din hija ghalhekk biss kwistjoni ta' prova. Il-Qorti jidhrilha illi fil-kamp civili s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova li kellha almenu d-detenzjoni ta' l-istrippa ta' art in kwistjoni minkejja dak allegat mill-konvenut li d-detenzjoni kienet f'idejh u li kien inaddaf din l-istrippa regolarment. Dan l-istat fattwali jirrizulta b'mod sufficjentement car mix-xhieda principalment tal-Perit Joseph Saliba (moghtija fit-30 ta' Ottubru 1997) li huwa mhux biss wiehed mill-proprietarji ta' l-art antigwa ghal dik tas-socjeta' attrici pero' li wkoll kien gie nkarigat mill-Kurja, l-aventi kawza taz-zewg partijiet, biex jaghmel il-linja tad-demarkazzjoni bejn l-artijiet in kwistjoni. "*Farrugia ha wkoll strippa ta' art wara l-plots kollha, u dan minn plot 2 sa plot 9.*" Din ix-xhieda tikkorrispondi ma' dik moghtija minn Bernard Farrugia u mill-Perit Anthony Fenech Vella li kien mar *on site* ghan-nom tas-socjeta' attrici fl-1989 mal-Perit Saliba biex issir id-delinazzjoni fuq imsemmija. Jixhed bejn wiehed u iehor bl-istess mod minkejja li ma ftakarx id-dettalji kollha l-Perit Rene' Buttigieg li kien gie mqabbad minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi u li, fuq parir tieghu, din il-Qorti kienet laqghet it-talbiet tas-socjeta'

attrici. Irid jinghad illi dan huwa punt iehor ta' certu importanza fl-ezercizzju tal-pussess u dana b'riferenza ghal dak sottomess fit-trattazzjoni finali li permezz tieghu s-socjeta' attrici wriet id-detenzjoni fattwali taghha ta' l-istrippa in kwistjoni billi pprocediet bil-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi.

Stabbilit dan il-punt, kif inghad, hemm l-ammissjoni ta' l-istess konvenut li fiz-zmien in kwistjoni hatt il-hajt l-antik u bena iehor aktar 'il barra, kif hemm ukoll l-ammissjoni tieghu li dan sar f'perjodu ta' anqas minn xahrejn qabel ma giet proposta din il-kawza. Dawn l-elementi l-ohra biex tkun tista' tirnexxi l'*actio spolii*, in ogni caso jirrizultaw minn provi ohra prodotti.

Fuq dawn il-fatti u ovvjament minghajr pregudizzju ghall-petitorja fejn jista' jkun li jirrizulta li l-konvenut ghandu totalment ragun fil-pretensjoni tieghu, f'kawza ta' din in-natura l-Qorti trid ta' bilfors tieqaf hawn.

> "*Illi gie ritenut fil-gurisprudenza taghna illi din l-azzjoni hija azzjoni ta' ordni pubbliku u li, ghalhekk, mhuwiex permezz indagini oltre dak ta' l-ispoljament tal-pussess u dana qabel ma ssir ir-reintegrazzjoni u dana a bazi ta' dak illi hemm ikkontemplat fl-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 li bhala rimedju jrid ir-reintegrazzjoni tal-haga spoljata. 'U dan qabel ma jibdew diskussjonijiet fuq affarijiet ohra in linea mal-massima illi d-dritt jipprojbixxi r-ragion fattasi*

> *hlief f'kazijiet ultra eccezzjonali bhal, per ezempju, fil- kaz tal-ius retensionis. ["Horace Fenech et vs Michael Zahra" - Prim'Awla - 28/2/1997]' ("Francis Falzon et nomine vs Joseph Rizzo et nomine" - 25/1/1999).*"

**4.** Il-Qorti sejra tiskarta t-tielet eccezzjoni tal-kjamat-fil-kawza peress illi dina tittratta purament il-meritu ta' azzjoni fil-petitorja. Tilqa' pero' t-tieni eccezzjoni. Il-molestja li l-ligi trid li tipprotegi fl-ispoll hija dik kontra r-*ragion fattosi* li ghaliha jrid jirrispondi l-awtur ta' l-istess molestja li mhijiex il-molestja tad-dritt naxxenti mill-pacifiu pussess u li ghalhekk f'din il-kawza ma jsibx l-applikazzjoni tieghu l-Artikolu 1422 tal-Kodici Civili. L-ispejjes ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma a karigu tas-socjeta' attrici li fuq talba taghha saret il-kjamat-fil-kawza.

Fir-rigward ghalhekk tat-talbiet principali, wara li gew decizi l-eccezzjonijiet tal-kjamat-fil-kawza, l-Qorti qieghdha ghar-ragunijiet fuq moghtija tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. tiddikjara lill-konvenut Norman Cutajar ikkommetta spoll klandestin u vjolenti a dannu tas-socjeta' attrici meta annetta ma' l-art possjeduta minnu porzjoni ta' art detenuta mis-socjeta' attrici kif fuq deskritt;

2. tordna lis-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess tal-fuq imsemmi fond u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut jaghmel ix-xogholijiet necessarji sabiex is-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess u dana fi zmien xahrejn millum;

3. in difett tawtorizza lill-atturi jaghmlu huma x-xogholijiet in kwistjoni a spejjez ta' l-istess konvenut.

U dana bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess konvenut.

Fadal biss ghalhekk biex tigi deciza l-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenut. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha s-socjeta' attrici tallega li hija s-sid ta' l-art in kwistjoni kif taghmel ukoll fl-ewwel talba. Din l-allegazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tinkwadra ruhha f'dak imsemmi fl-Artikolu 403 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex ikun hemm ir-rekwiziti necessarji ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 396 ta' l-istess Kodici u jippermetti lill-konvenut jaghmel kontro-talba fis-sens maghmulha. Kien ikun forsi ferm aktar dibattibbli li kieku l-konvenut ippropona *actio petitoria* fil-kontro-talba. Dan pero' ma sarx. Huwa gust u ekwu pero' li

tkun tista' ssir talba ta' jattanza fil-kontro-talba li mill-banda l-wahda bl-ebda mod ma hija sejra tfixkel l-istitut ta' l-azzjonijiet possessorji izda, rispettando dan l-ghan, ghandha twassal ghas-soluzzjoni permanenti ta' min huwa l-proprietarju legittimu u dana apparti mill-kwistjoni tad-detenzjoni attwali.

Il-Qorti ghalhekk tilqa' l-istess kontro-talba u tipprefiggi lis-socjeta' attrici zmien tlett xhur millum sabiex l-istess socjeta' attrici tipprocedi a bazi tal-pretensjonijiet taghha ta' proprietarja ta' l-art fuq imsemmija u tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni parti tat-talba rikonvenzjonali wara li jkun ghadda z-zmien hawn moghti.

Il-kawza hija differita biss fuq dan il-punt ghad-19 ta' Gunju 2001 fl-10.00 a.m. u l-ispejjez tal-kontro-talba huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.